MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 178/2003

**Clayton Communications Co Ltd**

**Vs**

**Malta Directories Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici li permezz tieghu ntalab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm306.25), liema ammont hu l-bilanc dovut minn somma akbar, rapprezentanti xoghol ta' *printing*, *artwork* u *lamination* ezegwit fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub jirraprezenta terz tas-somma globali ta' Lm862.50 rizultanti mill-invoice Dok. A liema

invoice kien jirreferi ghax-xoghol hemmhekk indikat koncernanti tlett vetturi meta fil-fatt la qatt sar xoghol fuq tlett vetturi u lanqas gie ordnat xoghol fuq tlett vetturi.

2. Illi s-sekwenza tal-fatti kienet illi s-socjeta konvenuta inkarigat lis-socjeta attrici sabiex tezegwilha xogholijiet fuq vettura partikolari bl-intiza illi jekk ix-xoghol ikun tajjeb isir xoghol fuq zewg vetturi ohra; tali xoghol ma kienx sodisfacenti u ghaldaqstant qatt ma nghata l-inkarigu relattiv ghat-tielet vettura.

3. Huwa michud bhala fatt li nghata x-xoghol deskritt fl-invoice; jekk mill-banda l-ohra is-socjeta attrici qed tippretendi danni ghal terminazzjoni tal-appalt mhux gustifikat jinghad illi tali aspett qatt ma inghata u fi kwalunkwe kaz talba ghal danni tkun tezorbita il-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Semgha x-xhieda u ra l-atti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

[a] Bejn il-kontendenti sar ftehim ghal *vehicle wrapping*.

[b] Skond is-socjeta attrici x-xoghol kellu jsir fuq tlett vetturi. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta tikkontendi li x-xoghol kellu jsir fuq vettura,*“il-kliem kien fis-sens illi jekk joghgobni x-xoghol li ghamel fuq l-ewwel vettura, kont ser nghaddilu zewg vetturi ohra biex jaghmel l-istess tip ta’ xoghol”* [xhieda ta’ Gordon Debono rapprezentant tas-socjeta konvenuta – fol. 16].

[c] Sar xoghol fuq zewg vetturi.

[d] Is-socjeta attrici lestit il-printing li kellu jitwahhal fuq it-tielet vettura, izda x-xoghol baqa’ qatt ma sar ghaliex is-socjeta konvenuta baqghet ma haditix.

[e] Skond is-socjeta konveuta x-xoghol li sar mis-socjeta attrici kien difettuz in kwantu:-

1. l-ewwel vettura kien hemm zbalji fil-kliem;
2. saret hsara fil-lastiku ta’ wahda mill-bibien tal-vetturi;
3. parti mir-wrapping beda jinqala’;

Fil-kaz ta’ l-ahhar zewg difetti, ghalkemm is-socjeta attrici offriet li tirranga d-difett is-socjeta konvenuta rrifjutat.

2. It-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Filwaqt li s-socjeta attrici tikkontendi li l-ftehim kien ghal tlett vetturi, is-socjeta konvenuta tghid li l-ftehim kien ghal vettura kull darba.

3. Mill-provi rrizulta li s-socjeta konvenuta kellha tlett vetturi kollha tat-tip Matiz. It-Tribunal jemmen li s-socjeta konvenuta riedet li l-vetturi kollha jkollhom l-istess *logo*. Fit-tieni eccezzjoni s-socjeta konvenuta eccepit:- *“is-socjeta konvenuta inkarigat lis-socjeta attrici sabiex tezegwilha xogholijiet fuq vettura partikolari bl-intiza illi jekk ix-xoghol ikun tajjeb isir xoghol fuq zewg vetturi ohra; tali xoghol ma kienx sodisfacenti u ghaldaqstant qatt ma nghata l-inkarigu relattiv ghat-tielet vettura”.* Ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta tikkontradici din l-eccezzjoni, in kwantu dan xehed li x-xoghol fuq l-ewwel vettura ma kienx sodisfacenti ghaliex kien hemm zball fil-kliem. Wiehed minghajr ma jrid jistaqsi, allura ghalfejn inghatat it-tieni vettura jekk ix-xoghol li sar fuq l-ewwel vettura kien difettuz? Sinjal li x-xoghol kien tajjeb ghaliex kieku, skond ma jinghad fl-eccezzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta, ma kienet tinghata t-tieni vetturi sabiex isir l-istess xoghol fuqha.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ftehim originali kien li jsir xoghol fuq tlett vetturi. Certament li kien jaghmel iktar sens ghas-socjeta attrici li taghmel il-*printing* f’daqqa u mhux terga’ taghmel printin mill-gdid. Meta giet konsenjata t-tieni vettura, peress li kien hemm xi difetti s-socjeta konvenuta rega’ bdiela u ghazlet li tittermina l-

appalt moghti lis-socjeta attrici. It-Tribunal jemmen li d-difetti li rrefera ghalihom ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kienu rimedjabbli u bi ftit rieda tajba kollox kien jigi rrangat. Madankollu mill-provi rrizulta li s-socjeta konvenuta qatt ma hadet il-vettura sabiex jitranga d-difett. L-ilmenti tas-socjeta konvenuta ma kienux, fil-fehma tat-Tribunal, tali li jiggustifikaw it-terminazzjoni ta' l-appalt. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-hlas huwa dovut, hlas li jirreferi ghall-ispejjez sabiex sar il-*printing* u telf ta' qliegh li kieku kienet taghmel is-socjeta attrici kieku thalliet taghmel ix-xoghol fuq it-tielet vettura.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, jikkundannaha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm306.25), bl-imghax skond il-ligi.

Spejjez ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------